Postijiet tax-xogħol li jġibu 'l quddiem is-saħħa

# Naħdmu flimkien biex nevitaw ir-riskji



www.healthy-workplaces.eu

## Gwida għall-Kampanja

It-Tmexxija ta' Ġestjoni u Parteċipazzjoni tal-Ħaddiema fis-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol

Aġenzija Ewropea
għas-Saħħa u s-Sigurtà
fuq il-Post tax-Xogħol

Postijiet tax-xogħol li jġibu
l-quddiem is-saħħa



**Europe Direct** huwa servizz sabiex jgħinek issib it-tweġibiet għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea.
Numru tat-telefon waħdieni bla ħlas (*): 00 800 6 7 8 9 10 11
(*) Ċerti operaturi tat-telefonija ċellulari ma jippermettux aċċess
għal numri 00 800 jew inkella dawn it-telefonati jistgħu jkunu bi ħlas.

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet.
Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (http://europa.eu).
Informazzjoni dwar il-katalogar tinsab fit-tmiem ta' din il-pubblikazzjoni.

© L-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, 2012

Traduzzjoni pprovduta miċ-Ċentru ta' Traduzzjoni (CdT, Lussemburgu), bbażata fuq test oriġinali bl-Ingliż.

## Werrej


Introduzzjoni 4

Il-kobor tal-problema 5

Għala l-UE qed tmexxi din il-kampanja 7

Naħdmu flimkien biex nevitaw ir-riskji 9

Xi tfisser il-prevenzjoni fil-prattika? 10

L-irwol tal-amministrazzjoni 12

Xi tfisser it-tmexxija fil-prattika? 13

Għala l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema hija vitali 15

Ħeġġeġ parteċipazzjoni tal-ħaddiema 15

Xi tfisser il-parteċipazzjoni tal-ħaddiema fil-prattika? 17

Dwar il-kampanja Postijiet tax-xogħol li jġibu 'l quddiem is-saħħa 19

Kif taħdem il-kampanja 19

Min jista' jieħu sehem? 19

Kif tista' tinvolvi ruħek 20

In-netwerk attwali tagħna tal-imsieħba 21

L-Impenn tagħna lejn kampanji preċedenti u s-suċċessi tagħhom 22

Riżorsi 24

Dettalji ta' kuntatt 26

# Introduzzjoni

**Is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol jagħmlu tajjeb għall-kumpanija, għall-ħaddiema u għas-soċjetà inġenerali. Huwa faċli li tinsa dan kollu meta tkun magħfus minn skadenzi ta' żmien jew minn miri tal-produzzjoni. F'mumenti bħal dawn, minflok tqis is-saħħa u s-sigurtà bħala piż burokratiku żejjed, huwa importanti iżjed minn qatt qabel li tkun konxju/a tar-riskji fuq il-post tax-xogħol.**

Dan il-fuljett huwa l-gwida prinċipali għall-kampanja **Postijiet tax-xogħol li jġibu 'l quddiem is-saħħa 2012–13 "Naħdmu flimkien biex nevitaw ir-riskji"** organizzata mill-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (UE-OSHA). Din il-kampanja hija mfassla sabiex tgħin lilek, lill-kumpanija tiegħek, lill-ħaddiema, lir-rappreżentanti tal-ħaddiema u lill-katina kollha tal-forniment sabiex tevalwaw u tnaqqsu r-riskji minn fuq il-post tax-xogħol. Minkejja li l-maniġment, u l-organizzazzjonijiet li jmexxu, huma prinċipalment responsabbli għas-saħħa u s-sigurtà, l-aħjar riżultati dejjem jinkisbu frott ta' ħidma konġunta bejn il-partijiet interessati kollha.

Skont l-Eurostat, kull sena iżjed minn 5 580 persuna titlef ħajjitha fl-UE konsegwenza ta' inċidenti fuq il-post tax-xogħol ([1]). Barra minn dan, l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) tistma li 159 000 oħra jmutu ([2]) ħtija ta' mard fuq il-post tax-xogħol. Fil-maġġoranza tagħhom, dawn il-ħajjiet setgħu ġew salvati kieku r-riskji kienu antiċipati, u kieku miżuri għaqlin ta' sigurtà ġew implimentati kif ukoll segwiti b'mod strett. Ta' spiss jingħad li **"l-prevenzjoni hija aqwa mill-kura"** u din tapplika mingħajr dubju iktar minn qatt qabel għall-promozzjoni ta' postijiet tax-xogħol li jġibu 'l quddiem is-saħħa u s-sigurtà. Għal din ir-raġuni, il-kampanja Postijiet tax-xogħol li jġibu 'l quddiem is-saħħa tikkonċentra fuq il-prevenzjoni tar-riskji aktar minn kull ħaġa oħra.

Il-kampanja Postijiet tax-xogħol li jġibu 'l quddiem is-saħħa tal-2012–13 hija deċentralizzata u mfassla sabiex tgħin lil awtoritajiet nazzjonali, kumpaniji, organizzazzjonijiet, maniġers, ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom, u partijiet oħra interessati biex jaħdmu lkoll flimkien ħalli jtejbu s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

**Il-kampanja tiffoka fuq:**

- il-prevenzjoni tar-riskji;
- il-ġestjoni tar-riskji;
- li tħeġġeġ l-ogħla maniġers ħalli jipparteċipaw b'mod attiv fit-tnaqqis tar-riskji; u
- li tħeġġeġ lill-ħaddiema, lir-rappreżentanti tagħhom u lil partijiet oħra interessati sabiex jaħdmu mal-maniġers biex inaqqsu r-riskji.



Bħala parti ewlenija ta' din il-kampanja, wieħed jista' jsib firxa ta' materjal differenti li għandu jgħin sabiex jintlaħqu dawn il-miri. Dawn jinkludu rapporti, gwidi prattiċi, fuljetti, posters u DVDs. Barra minn hekk, se nissieħbu mal-imsieħba tagħna u l-punti fokali nazzjonali sabiex nippromwovu l-Ġimgħa Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, kif ukoll biex ngħinu fl-organizzazzjoni ta' seminars ta' taħriġ, konferenzi u wirjiet. L-EU-OSHA ħolqot ukoll sit elettroniku interattiv li b'mod prattiku u dettaljat joffri ammont kbir ta' għajnuna u direzzjoni.

Dan id-dokument dwar din il-kampanja jinkludi wkoll għadd kbir ta' statistika li titfa' dawl fuq il-problemi li jridu jiġu indirizzati u fejn l-aħjar li jiġu ffokati l-isforzi. Madankollu wieħed irid iżomm f'moħħu li ta' spiss, b'xorti ħażina, wara dawn l-istatistiċi jkun hemm xi traġedja umana.

## Il-kobor tal-problema

Kull 3.5 minuti tmut persuna fl-Unjoni Ewropea konsegwenza ta' inċident fuq il-post tax-xogħol jew minħabba xi marda fuq il-post tax-xogħol. Fl-2007, l-aħħar sena li fiha wieħed jista' jsib statistika ta' tqabbil tal-UE-27, 6.9 miljun persuna sofrew xi forma ta' inċident wieħed jew iżjed fuq il-post tax-xogħol (3). Apparti dan, miljuni ta' ħaddiema oħra madwar l-Ewropa kollha qegħdin isofru minn xi marda li għandha x'taqsam max-xogħol tagħhom.

Inċidenti fuq il-post tax-xogħol iġibu magħhom spejjeż kbar għall-ħaddiema u l-familji tagħhom, għal min iħaddimhom u għas-soċjetà inġenerali. Skont l-Istħarriġ tal-Forza tax-Xogħol tal-2007 (4), 73 % tal-inċidenti fuq il-post tax-xogħol wasslu għal lif tal-mard ta' almenu jum wieħed u 22 % wasslu għal lif tal-mard għal tal-inqas xahar sħiħ. Dawn ir-rati tal-mard u problemi oħra ta' saħħa marbuta max-xogħol għandhom impatt dirett fuq it-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi madwar l-Ewropa. Fil-fatt, mill-inqas 450 miljun ġurnata xogħol jintilfu kull sena (5). Il-kalkoli jvarjaw, imma dawn l-inċidenti u każijiet ta' mard jiswew lill-ekonomija tal-UE mill-inqas EUR 490 biljun fis-sena (6).

Ir-riċerka tgħidilna li l-maġġoranza l-kbira tal-inċidenti u każijiet ta' mard fuq il-post tax-xogħol jistgħu jiġu evitati. Almenu, il-progress f'dan il-qasam kien wieħed mgħaġġel. Bejn l-1999 u l-2007, l-UE b'mod drastiku tejbet is-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għax l-inċidenti fatali naqsu minn 5 275 għal 3 782 (7) fl-UE-15. Is-sigurtà fuq il-post tax-xogħol saħansitra tjiebet b'rata aktar mgħaġġla fejn jidħlu inċidenti mhux fatali; dawn naqsu b'iktar minn 900 000 (8).

Minkejja dawn il-fatti pożittivi, mard marbut mad-dinja tax-xogħol, li spiss jinvolvi perjodu twil ta' rkupru, qed jiżdied b'mod mill-aktar evidenti.

(1), (3), (4) & (7) *Health and safety at work in Europe (1999–2007) — A statistical portrait,* L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2010, p. 97.

(2) Organizzazzjoni Dinjija tax-Xogħol 2005: Iċ-ċifra hija stima għall-UE-27: (http://www.ilo.org/public/english/region/eurpro/moscow/areas/safety/docs/worldcongressreporteng.pdf).

(5) "Adding 83 million working days lost by accidents to 367 million days lost by ill-health", *Health and safety at work in Europe (1999–2007) — A statistical portrait,* L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2010, p. 97.

(6) Assuming a loss of 4 % of GDP due to poor working conditions: (http://osha.europa.eu/en/press/articles/Present-new-and-emerging-risks-IOHA).

(8) Eurostat, *Accidents at Work (ESAW) — until 2007:* (http://appsso.eurostat.ec.europa.eu/nui/show.do?dataset=hsw_aw_nnasx&lang=en).

STUDJU TA' KAŻ

## Logħob Olimpiku, ir-Renju Unit — Tmexxija ta' Saħħa u Sigurtà

L-Olympic Delivery Authority (ODA) hija l-organizzazzjoni responsabbli mill-bini tal-Park Olimpiku u l-postijiet l-oħra marbuta mal-Olimpjadi ta' Londra 2012 u l-Logħob Paralimpiku. Il-Park Olimpiku nbena fuq medda ta' 200 ettaru b'livelli għoljin ta' kontaminazzjoni fil-Lvant ta' Londra. Madwar 40 000 ruħ ħadmu fuq il-Park u fl-eqqel tax-xogħlijiet kien ikun hemm madwar 13 000 persuna fuq is-sit. Kien proġett enormi u li kieku kien amministrat b'mod ħażin seta' jwassal għal numru mhux aċċettabbli ta' mwiet u korrimenti serji.

Minn aktar minn 70 miljun siegħa ta' xogħol, kien hemm 25 perjodu ta' miljun siegħa mingħajr ebda inċident irrapportat, erba' perjodi ta' żewġ miljun siegħa u ieħor ta' tliet miljun siegħa.



L-ODA tattribwixxi dan ir-rekord ta' min jgħir għalih, lit-tmexxija soda ħafna tal-proġett u li kienet iffokata fuq li telimina kull tip ta' inċident mill-proġett. L-awtorità stqarret li l-impenn tagħha lejn il-ħaddiema tagħha kien li:

- tiġġestixxi r-riskji għas-saħħa u s-sigurtà tagħhom;
- tipprovdi postijiet tax-xogħol u sistemi ta' xogħol protetti;
- tipprovdi informazzjoni, tagħlim, taħriġ u superviżjoni; u
- taħdem b'entużjażmu mal-impjegati, imsieħba u fornituri fuq dawn l-arranġamenti.

Kien hemm komunikazzjoni ċara tul il-katina tal-amministrazzjoni kollha. Barra minn hekk, il-Kap Eżekuttiv u ċ-Chairman tal-proġett iddikjaraw fi stqarrija konġunta, li huma kellhom "jirrapportaw dwar il-prestazzjoni tas-saħħa, is-sigurtà u l-ambjent lill-bord tal-ODA regolarment u fil-każ ta' xi inċident li għandu jiġi notifikat".

Barra minn hekk, il-Kumitat għas-Saħħa, is-Sigurtà u l-Ambjent fi ħdan l-istess Bord irreveda regolarment il-prestazzjoni kif ukoll il-kontroll tal-pjan ta' ħidmak, u qabel li ssir analiżi u li jiġu riveduti l-prattiki ta' xogħol "ta' spiss u kemm hemm bżonn". Bidliet bħal dawn ġew mgħarrfa lill-persunal u lill-fornituri kollha sabiex jiżguraw l-ogħla livelli ta' sigurtà lil kull min kien involut fit-twettiq tal-preparazzjonijiet għal-Logħob Olimpiku.

Ir-rekord fejn tidħol is-sigurtà fuq il-programm tjieb progressivament b'riżultat tal-inizjattivi meħuda u l-impenn tal-ħaddiema.

## Għala l-UE qed tmexxi din il-kampanja

Il-promozzjoni tas-saħħa u s-sigurtà minn dejjem kienet waħda mill-prinċipji ewlenin wara l-integrazzjoni Ewropea għal raġunijiet etiċi, soċjali u ekonomiċi differenti. L-ewwelnett, etikament huwa tabilħaqq veru li l-promozzjoni tas-saħħa u s-sigurtà għandha tkun prijorità maġġuri għal kull korp governattiv jew amministrattiv. It-tieni, wieħed mill-pedamenti ta' suq komuni Ewropew huwa l-ħolqien ta' standards armonizzati li jinkludu dawk għas-sigurtà tal-prodott u tal-proċess. Dawn l-istandards armonizzati jgħinu sabiex jiżguraw li n-negozju jkun jista' jaħdem mingħajr xkiel madwar l-UE. It-tielet raġuni hija għaliex meta tippromwovi s-saħħa u s-sigurtà tkun qiegħed mhux biss ittejjeb il-protezzjoni tal-ħaddiema iżda wkoll tagħti sehmek għal iżjed effiċjenza fin-negozju.

L-istrateġija attwali tal-komunita tinvoka wkoll il-prinċipji fundamentali tal-prevenzjoni, kif inhuma mniżżla f'aktar dettall fid-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989, il-"Qafas tad-Direttiva". L-Artikolu 6 ta' din id-Direttiva jgħid li hija r-responsabbiltà ta' min iħaddem sabiex jieħu l-miżuri ta' saħħa u sigurtà neċessarji b'mod konformi mal-istess prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni. Mingħajr dubju dan jitlob tmexxija ċara min-naħa tal-ogħla amministrazzjoni. Din id-direttiva tisħaq ukoll fuq l-importanza tas-sehem tal-ħaddiema fl-adozzjoni ta' dawn il-miżuri, li reċentement kien meqjus bħala dritt fundamentali fl-Artikolu 27 tal-Karta Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali.

Evidentement, apparti l-bżonn prattiku għal azzjoni mill-komunità hemm bżonn ukoll rekwiżit legali obbligatorju.

*"Jekk ikollok it-tmexxija ġusta, tista' tikseb prestazzjoni fantastika fejn tidħol is-sigurtà."* **LAWRENCE WATERMAN,**
KAP TAS-SIGURTÀ, OLYMPIC DELIVERY AUTHORITY





# Il-benefiċċji ta' saħħa u sigurtà tajba

L-indirizzar tas-saħħa u s-sigurtà jiftaħ opportunitajiet għal titjib tal-effiċjenza tan-negozju kif ukoll għas-salvagwardja tal-ħaddiema. Dan ħareġ mill-istħarriġ Ewropew reċenti tal-Intrapriżi dwar Riskji Ġodda u Emerġenti (Esener) (9).

Fost il-benefiċċji wieħed jista' jsib:

- spejjeż imnaqqsa u riskji mnaqqsa — inqas assenteiżmu fost l-impjegati u r-rati ta' tibdil tal-persunal huma aktar baxxi wkoll, l-inċidenti jonqsu, it-theddid ta' azzjonijiet legali jitnaqqas;
- pożizzjoni mtejba fost il-fornituri u l-imsieħba;
- reputazzjoni aħjar għal responsabbiltà soċjali korporattiva fost l-investituri, il-klijenti u l-komunitajiet; u
- produttività miżjuda — l-impjegati huma aktar b'saħħithom, aktar ferħana u aktar motivati.

---

(9) EU-OSHA — Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, *Rappreżentazzjoni tal-ħaddiema u konsultazzjoni dwar is-saħħa u s-sigurtà — Analiżi tar-riżultati tal-Istħarriġ Ewropew tal-Intrapriżi dwar Riskji Ġodda u Emerġenti*, 2012.

© EU-OSHA/Jim Holmes

# Naħdmu flimkien biex nevitaw ir-riskji

Il-prevenzjoni hija l-pedament tal-approċċ tal-Ewropa lejn il-ġestjoni tar-riskji. Fil-prattika, dan ifisser li ssir analiżi ta' proċessi ta' xogħol sabiex jiġu identifikati r-riskji għal żmien qasir u dawk fit-tul u mbagħad tittieħed azzjoni sabiex dawn jiġu eliminati jew imnaqqsa. Fi kliem sempliċi, il-prevenzjoni tfisser il-ġestjoni ta' dawn ir-riskji bl-għan aħħari li jitnaqqas in-numru tagħhom u jiġu eliminati l-inċidenti fuq il-post tax-xogħol u l-mard fuq il-post tax-xogħol.

Ir-responsabbiltà aħħarija għall-ġestjoni tar-riskji taqa' fuq min iħaddem u l-ogħla amministrazzjoni, iżda l-isforzi tagħhom ikunu ta' xejn jekk ma jfittxux il-parteċipazzjoni attiva tal-ħaddiema. Għal dawn ir-raġunijiet, din il-kampanja tpoġġi enfasi partikolari fuq l-importanza ta' tmexxija mill-ogħla amministrazzjoni u sidien sabiex jaħdmu bi sħab ma' parteċipazzjoni attiva tal-ħaddiema.

**Sabiex tgħin fil-promozzjoni ta' dawn it-temi prinċipali, il-kampanja Postijiet tax-xogħol li jġibu 'l quddiem is-saħħa tal-2012–13 għandha dawn l-objettivi speċifiċi:**

- tippromwovi l-messaġġ ċentrali li l-ħaddiema u l-maniġers għandhom jaħdmu flimkien biex jevitaw ir-riskji għal raġunijiet prattiċi, legali, ekonomiċi u etiċi;
- tagħti gwida ċara u sempliċi lil min iħaddem sabiex jamministra riskji speċifiċi marbuta max-xogħol f'kollaborazzjoni mal-ħaddiema u ma' min jirrappreżentahom;
- tagħti gwida prattika, informazzjoni u għodda sabiex tippromwovi kultura ta' prevenzjoni tar-riskiu, l-aktar fost intrapriżi żgħar u medji;
- trawwem l-inklużjoni ta' amministrazzjoni ta' saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol fil-politiki korporattivi ta' responsabbiltà soċjali; u
- tpoġġi l-pedamenti għal kultura aktar sostenibbli ta' prevenzjoni kontra r-riskji fl-Ewropa.

*"Hu x'inhu d-daqs tal-organizzazzjoni, it-tmexxija sa minn fuq nett u l-parteċipazzjoni attiva tal-ħaddiema huma fundamentali għal ġestjoni ta' saħħa u sigurtà ta' suċċess. Huwa għalhekk li qed nistieden lill-intrapriżi kbar u żgħar, privati jew pubbliċi, minn kull settur sabiex iħaddnu 'l din il-kampanja."*

**CHRISTA SEDLATSCHEK,** DIRETTUR, UE-OSHA





© EU-OSHA/Jim Holmes



© EU-OSHA/Jim Holmes

# Xi tfisser il-prevenzjoni fil-prattika?

Il-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni kontra r-riskji huma stabbiliti fl-Artikolu 6 tad-Direttiva Qafas (ara isfel). Huwa importanti ħafna li min iħaddem, il-ħaddiema u min jirrappreżentahom jifhmu dawn il-prinċipji jekk iridu jikkontrollaw — jew preferibilment jeliminaw — ir-riskji b'mod effettiv.

**Il-prinċipji bażiċi għall-prevenzjoni tar-riskji huma:**

- tevita r-riskji;
- tqis ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;
- tilqagħhom sa mill-bidu;
- taddatta x-xogħol għall-ħtiġijiet individwali, l-aktar meta tiġi biex tiddisinja postijiet tax-xogħol u meta tiġi biex tagħżel it-tagħmir u l-metodi ta' produzzjoni (flimkien mat-tnaqqis kemm jista' jkun ta' prattiki monotoni ta' xogħol);
- taddatta ruħek għall-progress tekniku;
- tibdel dak kollu li huwa perikoluż ma' dak mingħajr periklu jew inqas perikoluż;
- tiżviluppa politika koerenti ġenerali ta' prevenzjoni kontra r-riskji li tkopri t-teknoloġija, l-organizzazzjoni tax-xogħol, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, ir-relazzjonijiet soċjali u l-influwenza tal-fatturi relatati mal-ambjent tax-xogħol;
- tagħti prijorità lill-miżuri ta' protezzjoni kollettiva fuq miżuri protettivi individwali; u
- tagħti struzzjonijiet xierqa lill-ħaddiema.

*Il-prevenzjoni tfisser il-ġestjoni tar-riskji. Ir-riskji jiġu ġestiti billi n-nies jaħdmu flimkien.*



STUDJU TA' KAŻ

## BASF — tpoġġi s-sigurtà l-ewwel u qabel kollox

F'ħafna setturi mhuwiex possibbli li jiġi evitat kull xorta ta' riskju għal kollox. Eżempju wieħed hija l-industrija tal-kimiċi. L-impjegati tal-BASF, waħda mill-ikbar kumpaniji tal-kimiċi fid-dinja, ikollhom ta' kuljum iħabbtu wiċċhom ma' firxa ta' riskji. Minflok tindirizza kull riskju b'mod individwali, il-kumpanija ddeċiediet li tieħu approċċ ħolistiku billi ċċaqlaq il-kultura tal-kumpanija kollha għal waħda li tpoġġi s-sigurtà l-ewwel u qabel kollox.

Il-qofol ta' dan il-programm kien kampanja sabiex jitnaqqas il-ħin mitluf minħabba korrimenti fuq ix-xogħol u minħabba mard fuq il-post tax-xogħol bi 80 % mill-2002 sal-2020. Sal-2008, din il-kampanja bdiet tagħti l-frott; il-ħin mitluf riżultat ta' korrimenti naqas b'46 % u dak minħabba mard fuq il-post tax-xogħol niżel bi 23 %.

Il-kumpanija tattribwixxi dawn ir-riżultati għall-implimentazzjoni tal-istrateġiji indikati hawn taħt.

- L-amministrazzjoni turi b'mod ċar impenn kredibbli u viżibbli lejn is-sigurtà billi tagħti l-eżempju, billi tagħmel is-sigurtà prijorità u tiżgura trasparenza fil-kwistjonijiet kollha relatati mas-sigurtà.
- L-impjegati huma involuti f'kull aspett tas-sigurtà u jagħtu l-kontribut tagħhom b'mod attiv permezz ta' dak li jafu u l-esperjenza tagħhom.
- Il-kumpanija tenfasizza fuq ir-responsabbiltà individwali. Kull impjegat u maniġer huwa mistenni li jikkonforma mar-regoli u mar-regolamenti applikabbli, jaġixxi b'tali mod li jkun konxju tar-riskji, jirreaġixxi għall-perikli u jitgħallem mill-iżbalji tiegħu stess u minn dawk tal-oħrajn.
- L-amministrazzjoni u l-impjegati huma mħeġġa jitkellmu apertament dwar is-sigurtà f'ambjent ta' fiduċja madwar l-organizzazzjoni kollha. Fl-istess ħin, tipprova tippromwovi t-tagħlim waqt li tirrispetta l-għarfien u l-esperjenza.







## L-irwol tal-amministrazzjoni

Is-saħħa u s-sigurtà għandhom ikunu parti mir-rutina ta' kuljum ta' tmexxija ta' negozju. Jekk is-saħħa u s-sigurtà ma jiġux rispettati, lanqas in-negozju ma jiffunzjona. Mill-quċċata tal-organizzazzjoni sal-katina tal-amministrazzjoni, il-ġestjoni tas-saħħa u s-sigurtà għandha tkun parti integrali mill-kultura tal-post tax-xogħol, u mhux titħalla f'idejn l-ispeċjalisti biss.

Il-konsultazzjoni mal-ħaddiema u ma' min jirrappreżentahom fuq kwistjonijiet ta' saħħa u sigurtà għandha tkun prinċipju li fuqha tinbena amministrazzjoni effettiva. Iżda l-maniġers ma għandhomx biss jikkonsultaw lill-impjegati tagħhom, għandhom jinvolvu ruħhom b'mod attiv u jħeġġuhom jipparteċipaw ġenwinament fit-teħid ta' deċiżjonijiet. Il-konsultazzjoni mhix biss rekwiżit legali, iżda wkoll għandha valur ekonomiku. Il-ħaddiema huma probabbli li jkunu konxji tar-riskji prinċipali li huma jaffaċċjaw ta' kuljum u spiss ikunu kapaċi jfasslu soluzzjonijiet sempliċi u kost-effettivi.

Is-saħħa u s-sigurtà għandhom ikunu parti mir-rutina ta' kuljum ta' kif tmexxi negozju. Għandhom jitqiesu bħala parti minn sistema dinamika li taddatta ruħha u tevolvi maż-żminijiet aktar milli bħala eżerċizzju burokratiku riġidu li jopponi l-bidla.

Huwa importanti għall-amministraturi li juru stil prattiku ta' tmexxija bħal, pereżempju, jaraw li jsegwu r-regoli kollha ta' saħħa u sigurtà iżjed milli sempliċiment jordnaw lill-impjegati jsegwuhom.

([10]) Stadler, P., Spieß, E., *Mitarbeiterorientiertes Führen und soziale Unterstützung am Arbeitsplatz,* INQA.de/Bundesanstalt für Arbeitsschutz und Arbeitsmedizin, 2005. (disponibbli f'format PDF minn http://www.inqa.de/Inqa/Navigation/publikationen,did=56808.html).

Hemm evidenza wkoll li maniġers tajbin fl-OHS għandhom inqas rati ta’ assenza, minħabba li l-imġiba fit-tmexxija hija assoċjata ma’ lif minħabba mard u l-benesseri tal-ħaddiema [10]. Intwera li n-numru ta’ persunal li jimrad jiddependi fuq il-maniġer. Meta l-maniġers jiġu trasferiti għal taqsima oħra, l-ammont ta’ lif medju minħabba mard tal-persunal li għalih ikun responsabbli dak il-maniġer ma jinbidilx anki jekk il-membri tal-persunal jinbidlu.

## Xi tfisser it-tmexxija fil-prattika?

Din tfisser:

- impenn viżibbli u attiv mill-bord u d-diretturi jew is-sid;
- li jiġu stabbiliti sistemi ta’ komunikazzjoni effettiva minn fuq għal isfel u strutturi ta’ amministrazzjoni — jew komunikazzjoni laterali f’negozji żgħar;
- involviment tal-ħaddiema u tar-rappreżentanti tagħhom fil-promozzjoni u l-kisba ta’ kundizzjonijiet tax-xogħol mingħajr periklu u li jagħtu kas tas-saħħa billi, pereżempju, tagħtihom setgħat u tħeġġeġ komunikazzjoni effettiva ’l fuq u tipprovdi taħriġ tal-ogħla kwalità;
- il-ġestjoni tas-saħħa u s-sigurtà skont il-valutazzjonijiet tar-riskju;
- l-integrazzjoni ta’ amministrazzjoni ta’ saħħa u sigurtà tajba f’kull parti tan-negozju;
- l-iżgurar li s-saħħa u s-sigurtà jkunu ċentrali għall-istrateġiji korporattivi dwar responsabbiltà soċjali tal-organizzazzjoni (kif ukoll il-valuri prinċipali tagħha);
- il-promozzjoni ta’ dawn l-ideat matul il-katina tal-provvista kollha; u
- monitoraġġ, rapportar u reviżjoni tal-prestazzjoni tas-saħħa u s-sigurtà.

**Eżempji prattiċi ta’ tmexxija fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol jinkludu:**

- tmexxija bl-eżempju (u dejjem jitħares l-ispirtu tar-regoli ta’ saħħa u sigurtà sal-iċken dettall);
- terfa’ responsabbiltà personali u turi li tagħti widen;
- iżżur il-postijiet tax-xogħol sabiex tiddjaloga mal-persunal dwar x’qed jinkwetahom fejn tidħol is-saħħa u s-sigurtà (il-ħaddiema jistgħu mhux biss jidentifikaw problemi iżda jistgħu wkoll iressqu soluzzjoniiet); u
- tpoġġi għad-dispożizzjoni l-ħin u l-flus — talloka baġit għat-taħriġ, tagħmir jew speċjalisti tas-saħħa u s-sigurtà u timpenja ħin amministrattiv għalihom.

*“Aħna nenfasizzaw ir-responsabbiltà individwali għas-sigurtà mill-impjegati kollha u f’kull saff tal-amministrazzjoni.”* **SHLOMO COHEN,** MANIĠER TAS-SIT, INTEL AMSTERDAM



STUDJU TA' KAŻ

## Tnaqqis tar-riskji f'kumpanija żgħira Awstrijaka

Marchl huwa negozju żgħir immexxi minn, u proprjetà ta', familja ġewwa l-Awstrija li jispeċjalizza fil-manifattura ta' prodotti tal-azzar bħal ilqugħ għall-karozzi (carports), turġien, sisien u "conservatories".



Is-sigurtà fuq il-post tax-xogħol hija tema importanti ħafna għall-amministrazzjoni tal-kumpanija. Ġiet implimentata sistema ta' ġestjoni tas-saħħa u s-sigurtà, iżda numru ta' inċidenti minuri bħal qatgħat, ħruq u feriti konsegwenza ta' tgħaffiġ, baqgħu jiġu rraportati u ma ttieħdux bis-serjetà. L-amministrazzjoni ħadet id-deċiżjoni li taħdem mal-impjegati sabiex tkompli tnaqqas ir-riskji.

Ħaddiema f'kull "żona ta' riskju" tal-kumpanija ntalbu jagħmlu valutazzjoni tar-riskji u jgħaddu suġġerimenti għal titjib. Ġaladarba implimentati, il-ħaddiema ntalbu jivvalutaw it-titjib li daħal fis-seħħ. Wara xahrejn, gruppi ta' ħaddiema ntbagħtu f'"żona ta' riskju" oħra u ntalbu jagħmlu l-istess verifika. Dan fisser li t-titjib ġie ċċekkjat għal darb'oħra bl-"għajnejn ġodda" ta' grupp ieħor u li kull ħaddiem sar midħla tar-riskji li jġibu magħhom iż-żoni differenti ta' ħidma filwaqt li kiseb intuwitu ta' kif l-aħjar itejjeb is-sigurtà.

Dan il-proġett irnexxielu jnaqqas in-numru ta' inċidenti żgħar u ta' "kważi inċidenti", naqqas il-lif tal-mard, żied il-motivazzjoni tal-ħaddiema u l-produttività tagħhom, u żied l-għarfien dwar temi ta' saħħa u sigurtà.

## Għala l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema hija vitali

Ir-responsabbiltà għall-ġestjoni tar-riskji relatati max-xogħol tinsab b'mod ċar f'idejn l-impjegati, iżda sforzi bħal dawn huma mistennija li jfallu mingħajr il-parteċipazzjoni attiva tal-ħaddiema. Issa hemm evidenza biżżejjed li l-parteċipazzjoni attiva twassal għal saħħa u sigurtà mtejba b'mod drastiku fil-post tax-xogħol.

Pereżempju, l-Istħarriġ Ewropew tal-Intrapriżi dwar Riskji Ġodda u Emerġenti (Esener) juri li parteċipazzjoni tal-ħaddiema flimkien ma' impenn tal-amministrazzjoni twassal għal prestazzjoni aqwa mil-lat ta' saħħa u sigurtà. Intrapriżi b'parteċipazzjoni għolja ta' ħaddiema flimkien ma' impenn qawwi tal-amministrazzjoni, pereżempju, huma 10 darbiet aktar probabbli li jkollhom fis-seħħ politika dokumentata ta' saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol (OHS) ([11]). Dan ifisser benefiċċju addizzjonali li dawn il-miżuri jiġu perċeputi bħala iżjed effettivi.

Studju mid-Dipartiment tal-Kummerċ u l-Industrija tar-Renju Unit fl-2007 ([12]), ikkalkola li rappreżentanti tas-sigurtà tal-ħaddiema jipprevjenu bejn 8 000 u 13 000 inċident fuq il-post tax-xogħol kull sena mal-pajjiż kollu. Skont studju reċenti tal-Konfederazzjoni tat-Trejd Unjins Ewropej (ETUC) ([13]), rappreżentazzjoni permezz ta' unjin twassal għal tħaris aħjar tar-regoli, rati iżjed baxxi ta' inċidenti u nqas problemi ta' saħħa marbuta max-xogħol. Għal dawn ir-raġunijiet u oħrajn, il-parteċipazzjoni tal-ħaddiema fit-teħid tad-deċiżjonijiet dwar is-saħħa u s-sigurtà hija parti mil-liġi Ewropea.




## Ħeġġeġ parteċipazzjoni tal-ħaddiema

Huwa d-dmir ta' min iħaddem li jikkonsulta mal-ħaddiema u ma' min jirrappreżentahom dwar is-saħħa u s-sigurtà, iżda huwa aktar effettiv li dawn jingħataw is-setgħat neċessarji ħalli jieħdu sehem iżjed attiv fil-kwistjonijiet ta' kuljum dwar is-saħħa u s-sigurtà relatati mal-post tax-xogħol. Il-maniġers iridu joħolqu ambjent ta' fiduċja li fih, il-persuni jħossuhom kunfidenti biżżejjed li jgħidu x'qed jinkwetahom u li jagħtu l-kontribut tagħhom għall-iżvilupp ta' proċessi u postijiet tax-xogħol iktar sikur. Dan ma għandux titqies bħala proċess burokratiku ieħor, jew piż żejjed, iżda opportunità kbira sabiex mhux biss titjieb is-sigurtà iżda wkoll il-produttività. Ir-riċerka turi li jekk il-maniġers jieħdu ftit mill-għarfien tal-ħaddiema, dan jipprovdi lill-maniġers b'riżorsa formidabbli sabiex tgħinhom jiżviluppaw postijiet tax-xogħol sikuri, effettivi u sostenibbli ([14]).

---

([11]) UE-OSHA — Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, *Rappreżentazzjoni tal-Ħaddiema u Konsultazzjoni dwar saħħa u sigurtà — Analiżi tax-xejriet fl-Istħarriġ Ewropew tal-Intrapriżi dwar Riskji Ġodda u Emerġenti,* 2012.

([12]) *The health and safety of Great Britain: be part of the solution,* Eżekuttiv tas-Saħħa u s-Sigurtà, Ġunju 2009.

([13]) Menéndez, M., Benach, J., Vogel, L., *The impact of safety representatives on occupational health: A European perspective,* ETUI, Brussell, 2009.

([14]) Pot, F.D., Koningsveld, E.A.P., "Quality of working life and organizational performance — two sides of the same coin?", Scandinavian Journal of Work, *Environment and Health,* Vol. 35, Nru 6, 2009, pp. 421–428.



## Il-benefeċċji tal-parteċipazzjoni tal-ħaddiema jinkuldu:

- rati inqas ta' inċidenti;
- soluzzjonijiet kost-effettivi;
- impjegati aktar kuntenti u iżjed produttivi;
- rati aktar baxxi ta' assenteiżmu;
- iktar sensibilizzazzjoni dwar riskji relatati mal-post tax-xogħol; u
- kontroll aħjar tar-riskji relatati mal-post tax-xogħol.

© EU-OSHA/Jim Holmes

## Xi tfisser il-parteċipazzjoni tal-ħaddiema fil-prattika?

Fi ftit kliem hija meta l-impjegati u l-maniġers jieħdu sehem attiv fl-identifikazzjoni tal-problemi li jinqalgħu u jfasslu soluzzjonijiet għalihom. Fil-prattika din tfisser:

- djalogu effettiv u miftuħ li jwassal sabiex verament jingħata widen għat-tħassib ta' kull wieħed u waħda;
- is-solvien tal-problemi u t-teħid tad-deċiżjonijiet isiru b'mod konġunt;
- parteċipazzjoni fl-iżvilupp ta' politiki u prattiki ta' saħħa u sigurtà;
- parteċipazzjoni tal-impjegati fil-promozzjoni u fil-kisba ta' kundizzjonijiet tax-xogħol mingħajr periklu u li jibżgħu għas-saħħa;
- kooperazzjoni sħiħa bejn il-ħaddiema u min iħaddimhom sabiex itejbu s-saħħa, is-sigurtà u l-benesseri fuq il-post tax-xogħol; u
- implimentazzjoni tal-arranġamenti meħtieġa ħalli dan kollu jsir fil-prattika.

STUDJU TA' KAŻ

### Inizjattiva konġunta bejn il-ħaddiema u l-maniġers

Kumpanija kbira tal-ħelu (Nestlé, York, ir-Renju Unit) li timpjega 2 000 ħaddiem kellha problema pjuttost serja b'numru ta' korrimenti konsegwenza ta' inċidenti ta' żlieq jew fejn il-ħaddiema jitfixklu f'xi ħaġa u jaqgħu. Sabiex tipprova tnaqqas din ir-rata ta' korrimenti, il-kumpanija nediet inizjattiva konġunta bil-parteċipazzjoni sħiħa tar-rappreżentanti tal-ħaddiema. Din kienet tinkludi proċedura speċifka ta' rapportar ta' korrimenti kawża ta' żlieq u tfixkil f'xi ħaġa, kif ukoll analiżi tal-kawżi ta' dawn il-korrimenti. Ġaladarba nstabu l-kawżi ewlenin, bdew jingħataw aġġornamenti lill-maniġers, superviżuri u lir-rappreżentanti tal-ħaddiema mlaqqa' għal tal-apposta ħalli jiddiskutu dawn is-sejbiet. Dawn is-sejbiet ġew imbagħad maqsuma mal-bqija tal-forza tax-xogħol permezz ta' kampanja ta' informazzjoni effettiva li kienet tinkludi posters, fuljetti, eċċ.

Wara tliet snin, din il-kampanja wasslet għal tnaqqis ta' 60 % f'inċidenti ta' żlieq u tfixkil f'xi ħaġa. Wara 18-il xahar, tnediet kampanja simili oħra sabiex tipprova tnaqqas il-korrimenti relatati ma' tqandil manwali. Dan wassal għal tnaqqis ta' 40 % ta' korrimenti ta' dan it-tip fi żmien sentejn.





## Dati ewlenin

- Tnedija tal-kampanja: 18 ta' April 2012
- Ġimgħa Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, Ottubru 2012 u 2013
- Ċerimonja tal-Għoti tal-Premjijiet għal Prattiki Tajba: April 2013
- Diskussjonijiet Postijiet tax-xogħol li jġibu 'l quddiem is-saħħa: Novembru 2013

© EU-OSHA/Jannikke Berger

# Dwar il-kampanja Postijiet tax-xogħol li jġibu ’l quddiem is-saħħa

## Kif taħdem il-kampanja

Ngħinu sabiex noħolqu postijiet tax-xogħol mingħajr periklu u aktar b’saħħithom għall-ġid ta’ kulħadd. Iżda dan ma nistgħux inwettquh waħedna. Għal din ir-raġuni, il-kampanja tagħna Postijiet tax-xogħol li jġibu ’l quddiem is-saħħa għall-2012–13 “Naħdmu flimkien biex nevitaw ir-riskji” tiddependi minn diversi msieħba u partijiet interessati, li jinkludu gvernijiet u l-aġenziji tagħhom, min iħaddem, ħaddiema, u negozji kemm kbar kif ukoll żgħar. Jekk irridu ntejbu, b’mod konkret, is-saħħa u s-sigurtà għandna bżonn lil dawk il-partijiet kollha interessati sabiex jipparteċipaw fil-kampanja u jippromwovu l-messaġġi ewlenin tagħha.

Nistgħu nipprovdu l-pariri, l-informazzjoni u l-materjal edukattiv kollu meħtieġ sabiex tagħmlu l-parti tagħkom f’din il-kampanja pan-Ewropea (ara iktar ’l isfel “Kif tista’ tinvolvi ruħek”). Tista’ taddatta dan il-materjal skont iċ-ċirkostanzi partikolari tiegħek u tingħaqad mal-organizzazzjonijiet maqtugħ għalik ħalli tagħmel impatt.


© EU-OSHA

## Min jista’ jieħu sehem?

Din il-kampanja hija miftuħa għall-organizzazzjonijiet u l-individwi kollha fuq bażi lokali, nazzjonali u Ewropea fosthom:

- min iħaddem fis-settur pubbliku u privat, inkluż intrapriżi żgħar u medji (SMEs);
- maniġers, superviżuri u ħaddiema;
- trejd unjins u rappreżentanti tas-sigurtà;
- organizzazzjonijiet ta’ min iħaddem;
- assoċjazzjonijiet professjonali;
- istituzzjonijiet ta’ saħħa u sigurtà;
- professjonisti u prattikanti tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol;
- dawk li jipprovdu taħriġ u l-komunità tal-edukazzjoni; u
- prevenzjoni tar-riskji għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, reġjonali u lokali, u servizzi tal-assigurazzjoni.



© EU-OSHA/Jim Holmes


© EU-OSHA

# Kif tista’ tinvolvi ruħek

**Tista’ tinvolvi ruħek fil-kampanja Postijiet tax-xogħol li jġibu ’l quddiem is-saħħa tal-2012–13 permezz ta’ wieħed minn dawn il-modi:**

- Billi xxerred u tirreklama informazzjoni u materjal dwar il-kampanja (fuljetti, rapporti, gwidi, skedi informattivi, listi ta’ kontroll, preżentazzjonijiet bil-PowerPoint u cartoons li juru l-karattru Napo, eċċ.). Dan kollu jgħin ħalli titqajjem kuxjenza dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, kemm fi ħdan l-organizzazzjoni tiegħek kif ukoll fost dawk li jaħdmu miegħek. Tista’ ssir taf iżjed billi żżur is-sezzjoni tar-riżorsi tal-kampanja fis-sit elettroniku tagħna (www.healthy-workplaces.eu).
- Billi torganizza attivitajiet tiegħek stess inkluż taħriġ dwar sensibilizzazzjoni fuq is-saħħa u s-sigurtà, konferenzi u workshops, posters, kompetizzjonijiet ta’ films jew ritratti jew kwizzijiet, skemi ta’ suġġerimenti, kampanji ta’ riklamar u konferenzi stampi.
- Billi tieħu vantaġġ mill-għodod onlajn li ssib fuq is-sit elettroniku tal-kampanja. Dawn joffru l-opportunità li jsir skambju ta’ għarfien u l-aqwa prattiki bejn l-UE-OSHA u l-imsieħba tagħna.
- Billi tieħu sehem fil-kompetizzjoni Postijiet tax-xogħol li jġibu ’l quddiem is-saħħa Premjijiet għal Prattiki Tajba, li tagħraf lil dawk l-organizzazzjonijiet ta’ daqs differenti li sabu mezzi innovattivi kif jippromwovu s-saħħa u s-sigurtà.
- Billi tipparteċipa fil-Ġimgħa Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, li ssir ta’ kull sena f’Ottubru (it-43 ġimgħa kalendarja). Din isservi bħala l-pern ċentrali għall-avvenimenti madwar l-Ewropa u tinkludi konferenzi u wirjiet, sessjonijiet ta’ taħriġ u attivitajiet, fejn kemm organizzazzjonijiet kbar u żgħar kif ukoll kumpaniji, jaħdmu flimkien. Il-kontribut ta’ ħafna inizjattivi lokali u reġjonali, imwettqa minn trejd unjins, intrapriżi, NGOs u amministrazzjonijiet governattivi, għandu wkoll parti importanti f’dan kollu.

**Tista' tirċievi rikonoxximent uffiċjali għall-appoġġ tiegħek tal-kampanja Postijiet tax-xogħol li jġibu 'l quddiem is-saħħa billi:**

- issir sieħeb/sieħba uffiċjali tal-kampanja tal-UE, jekk int organizzazzjoni jew kumpanija pan-Ewropea jew internazzjonali;
- issir sieħeb/sieħba tal-kampanja nazzjonali, jekk int individwu jew organizzazzjoni attiva fuq livell nazzjonali. Ikkonsulta mal-punt fokali nazzjonali tiegħek ħalli tiskopri jekk din l-għażla jew għarfien ieħor alternattiv hux qed jiġi offrut f'pajjiżek.

Meta ssir sieħeb/sieħba uffiċjali, din il-pożizzjoni ġġorr magħha ċerti responsabbiltajiet, iżda ġġib magħha wkoll numru ta' benefiċċji. Tista' ssir taf iżjed dwar din l-opportunità ta' sħubija fis-sezzjoni apposta fis-sit elettroniku tal-kampanja.

## In-netwerk attwali tagħna tal-imsieħba

Sħubijiet effettivi ma' partijiet interessati importanti u strateġiċi huma kruċjali għas-suċċess ta' din il-kampanja. Aħna tal-UE-OSHA għandna l-appoġġ ta' diversi netwerks differenti ta' msieħba, inkluż dawk elenkati hawn taħt.

- **Punti fokali nazzjonali:** il-kampanja Postijiet tax-xogħol li jġibu 'l quddiem is-saħħa hija kkoordinata fuq bażi nazzjonali min-netwerk ta' punti fokali tal-aġenzija. Jekk tixtieq tkun taf iżjed dwar il-punti fokali tagħna jew tikkuntattjahom direttament, tista' ssib id-dettalji kif tista' tagħmel kuntatt magħhom fi tmiem din il-gwida.
- **Imsieħba uffiċjali tal-kampanja tal-UE:** dawn huma l-organizzazzjonijiet pan-Ewropej jew internazzjonali li attivament jappoġġjaw il-kampanja Postijiet tax-xogħol li jġibu 'l


© EU-OSHA / Iulia Lazarova

quddiem is-saħħa. Jekk trid tkun taf aktar dwar l-imsieħba tagħna tal-lum u tal-bieraħ, jew issir sieħeb/sieħba inti stess, jekk jogħġbok żur is-sit elettroniku tagħna.
- **Netwerk Ewropew tal-Intrapriża:** dan in-netwerk immexxi mill-Kummissjoni jgħin u jagħti parir lill-intrapriżi żgħar u medji madwar l-Ewropa fuq numru ta' kwistjonijiet varji. Il-kampanja Postijiet tax-xogħol li jġibu 'l quddiem is-saħħa tikkostitwixxi qasam importanti ta' kollaborazzjoni bejn l-UE-OSHA u n-Netwerk Ewropew tal-Intrapriża.

*"Kull valutazzjoni tar-riskju għandha ssir b'kooperazzjoni mal-ħaddiema tal-magna korrispondenti sabiex jinkisbu miżuri ta' titjib raġonevoli."*

**ROLAND JUNG,** MANIĠER TAL-PRODUZZJONI, PIRELLI BREUBERG



## L-Impenn tagħna lejn kampanji preċedenti u s-suċċessi tagħhom

Il-kampanja bi-annwali Postijiet tax-xogħol li jġibu 'l quddiem is-saħħa, issa saret l-akbar waħda tax-xorti tagħha fl-Ewropa u qed issir dejjem iżjed popolari. Pereżempju, il-kampanja tal-2010–11 dwar "Manutenzjoni Mingħajr Periklu" ġibdet ammonti rekord ta' parteċipazzjoni fl-Istati Membri kollha tal-UE u lil hinn, b'mijiet ta' avvenimenti organizzati fuq it-tema tal-manutenzjoni u l-importanza tagħha.

L-UE-OSHA tappoġġja attivitajiet marbuta mal-kampanja fuq bażi nazzjonali billi tipprovdi medda kbira ta' materjal promozzjonali u servizzi disponibbli bla ebda ħlas lill-punti fokali nazzjonali kif ukoll lill-imsieħba uffiċjali tal-kampanja sabiex tgħinhom jippromwovu l-kampanja. Fl-ewwel sena biss, tqassmu tliet miljun skeda informattiva u miljun gwida għall-kampanji u fuljetti promozzjonali b'24 lingwa.

Tajna promozzjoni lil manutenzjoni bla periklu permezz ta' konferenzi, seminars u sessjonijiet ta' taħriġ għall-ħaddiema, impjegati u partijiet oħra interessati. Il-Ġimgħa Ewropea tas-Saħħa u s-Sigurtà li ssir ta' kull sena, kienet il-qofol prinċipali tal-kampanja li rat l-organizzazzjoni ta' mijiet ta' attivitajiet madwar l-UE u lil hinn, li kellhom l-għan li jqajmu sensibilizzazzjoni.

Iżjed minn 50 imsieħba tal-kampanja tagħna ngħaqdu bħala parti mill-kampanja "Manutenzjoni Mingħajr Periklu". Dawn organizzaw firxa wiesgħa ta' attivitajiet, inkluż dawk elenkati hawn taħt.

- Il-Federazzjoni Ewropea tal-Għaqdiet tal-Manutenzjoni Nazzjonali (EFNMS) qassmet pubblikazzjonijiet dwar il-kampanja, prodotti promozzjonali u ppubblikat rapport dwar manutenzjoni mingħajr periklu. Barra minn hekk, żviluppat netwerk elettroniku bil-lingwa Franċiża kif ukoll ħolqot siti speċjalizzati dwar id-diversi aspetti ta' manutenzjoni mingħajr periklu.
- Toyota Materials Handling organizzat konferenzi għall-ogħla maniġers tagħha responsabbli mill-manutenzjoni u t-taħriġ, ippreżentat il-kampanja waqt konferenzi stampa, u qassmet materjal dwar il-kampanja lin-netwerk tagħha ta' msieħba u kuntratturi. Il-kumpanija rriservat sezzjoni mis-sit elettroniku u l-intranet tagħha għall-kampanja.
- Il-Kungress tat-Trejd Unjins Ewropej (ETUC) ta viżibilità kbira lill-kampanja Postijiet tax-xogħol li jġibu 'l quddiem is-saħħa dwar "Manutenzjoni Mingħajr Periklu" waqt it-Tnax-il Kungress tiegħu.
- Il-Federazzjoni Ewropea tal-industrija tal-Kostruzzjoni (FIEC) organizzat laqgħat ma' kuntratturi, impjegati u partijiet oħra interessati mill-industrija tal-kostruzzjoni sabiex jippromwovu s-saħħa u s-sigurtà.

***Postijiet tax-xogħol li jġibu 'l quddiem is-saħħa hija l-akbar kampanja dwar is-saħħa u s-sigurtà fl-Ewropa.***





© EU-OSHA / Paolo Zitti

## OiRA — Kondiviżjoni ta' "prattika tajba" madwar l-UE

Il-proġett **Valutazzjoni tar-Riskji interattiv Onlajn (OiRA — Online interactive Risk Assessment)** huwa ħidma multinazzjonali u kollaborattiva maħsuba sabiex jiġi żviluppat programm tal-web faċli biex tużah u mingħajr ħlas. Din l-għodda OiRA, li kulħadd jista' juża', hija intiża sabiex tgħin lil organizzazzjonijiet żgħar iħejju valutazzjoni effettiva tar-riskji. Din l-għodda tiggwida lill-utenti pass pass matul il-proċess tal-valutazzjoni mill-bidu sal-aħħar u tgħinhom jimplimentaw kif ikoll isegwu l-progress tiegħu. L-għanijiet prinċipali tiegħu huma:

- li jiżgura s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema billi jimplimenta valutazzjoni tar-riskji u jagħmel kondiviżjoni tal-aqwa prattiki;
- li jgħin kumpaniji jibbenefikaw minn għodda għall-valutazzjoni tar-riskji f'setturi speċifiċi li tinżamm dejjem aġġornata, hija faċli biex tiġi applikata, u ratifikata mill-imsieħba soċjali u l-awtoritajiet tal-pajjiż;
- li l-għodda għall-valutazzjoni tar-riskji f'setturi speċifiċi tintuża fuq livell ta' kumpanija kif ukoll fiż-żona ta' produzzjoni tal-fabbrika billi jħeġġu lil min iħaddem jivvaluta r-riskji, iwettaq pjan ta' azzjoni, jaġġustah regolarment u mbagħad jieħdu azzjoni;
- li jtejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema billi juża l-għodda għall-valutazzjoni tar-riskji fuq il-post tax-xogħol tagħhom, u b'konsegwenza t'hekk, itejjeb il-prestazzjoni tal-kumpaniji; u
- li jiċċara u jispjega l-proċess tal-valutazzjoni tar-riskji.

www.oiraproject.eu

# Riżorsi

Firxa wiesgħa ta' materjal dwar din il-kampanja huwa lest sabiex jitniżżel mis-sit elettroniku tal-kampanja Postijiet tax-xogħol li jġibu 'l quddiem is-saħħa (www.healthy-workplaces.eu). Dan il-materjal jinkludi:

- fatti u figuri marbutin ma' tmexxija amministrattiva u l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol;
- rapporti u skedi informattivi, li jinkludu l-aħħar riżultati tal-Istħarriġ Ewropew tal-Intrapriżi dwar Riskji Ġodda u Emerġenti (Esener);
- gwidi prattiċi u għodda għall-ħaddiema u l-maniġers;
- studji ta' każijiet ta' prattika tajba;
- preżentazzjonijiet bil-PowerPoint dwar is-suġġett tal-kampanja;
- ideat dwar promozzjonijiet;
- aħbarijiet dwar x'inhu jagħmel ħaddieħor;
- vidjows b'cartoons li juru l-karattru animat u popolari, Napo;
- posters u fuljetti;
- kollegament ma' siti utli;

… u ħafna iżjed.

L-informazzjoni kollha hija disponibbli b'24 lingwa fuq www.healthy-workplaces.eu





© EU-OSHA / Gerhard Busch

## In-netwerk tas-saħħa u s-sigurtà deċentralizzat Ewropew

In-netwerk prinċipali Ewropew ta' informazzjoni dwar is-saħħa u s-sigurtà huwa magħmul minn "punti fokali" fi Stati Membri f'kollaborazzjoni ma' pajjiżi kandidati u pajjiżi tal-EFTA. Dawn il-punti fokali huma nnominati minn kull gvern bħala r-rappreżentanti uffiċjali tagħhom u normalment huma l-organizzazzjoni nazzjonali tas-saħħa u s-sigurtà tagħhom. Huma jappoġġjaw l-inizjattivi tagħna permezz ta' informazzjoni u feedback u jaħdmu mill-qrib ma' netwerks nazzjonali li jinkludu rappreżentanti tal-gvern, ta' min iħaddem u tal-ħaddiema. Dawn il-punti fokali jikkoordinaw il-kampanja Postijiet tax-xogħol li jġibu 'l quddiem is-saħħa fuq skala nazzjonali, jorganizzaw avvenimenti u jinnominaw rappreżentanti fil-gruppi ta' esperti tagħna. In-netwerk jinkludi:

- 37 punt fokali f'pajjiżi tal-UE, tal-EFTA, pajjiżi kandidati u potenzjalment kandidati; u
- 800 membru individwali tan-netwerk ta' punti fokali.

www.healthy-workplaces.eu/fops

# Dettalji ta' kuntatt

## Punti fokali tal-Istati Membri tal-UE

**L-Awstrija**
Bundesministerium für Arbeit, Soziales und Konsumentenschutz
Sektion Arbeitsrecht und Zentral-Arbeitsinspektorat
Favoritenstraße 7
1040 Wien
Austria
http://www.bmask.gv.at
Ms Martina HÄCKEL-BUCHER
Tel: +43 1 711 00 22 74
martina.haeckel-bucher@bmask.gv.at

**Il-Belġju**
Federal Public Service Employment, Labour and Social Dialogue
Federale Overheidsdienst Werkgelegenheid, Arbeid en Sociaal Overleg
Ernest Blerotstraat 1
1070 Brussel
Belgium
http://www.beswic.be; http://www.werk.belgie.be
Mr Frank DEHASQUE
Tel: +32 (0)2 233 42 28
frank.dehasque@werk.belgie.be

**Il-Bulgarija**
Ministry of Labour and Social Policy
Labour Law, Social Security and Working Conditions Directorate
2 Triaditza Street
1051 Sofia
Bulgaria
http://bg.osha.europa.eu
Mr Atanas KOLCHAKOV
Tel: +359 (2) 8119 541
kolchakov@mlsp.government.bg

**Ċipru**
Ministry of Labour and Social Insurance
Department of Labour Inspection
12, Apellis Str.
1493 Nicosia
Cyprus
Mr Leandros NICOLAIDES
Tel: +357 2240 5623
director@dli.mlsi.gov.cy

**Ir-Repubblika Ċeka**
Ministry of Labour and Social Affairs
Na Porícním právu 1
128 01 Prague 2
Czech Republic
http://www.mpsv.cz
Ms Daniela KUBIČKOVÁ
Tel: +42 (02) 21 92 23 44
daniela.kubickova@mpsv.cz

**Id-Danimarka**
Danish Working Environment Authority
Post Box 1228
2100 Copenhagen
Denmark
http://www.workinfo.dk
Mr Leo MATTHIASEN
Tel: +45 722 08540
lm@at.dk

**L-Estonja**
Ministry of Social Affairs
Working Life Development
Gonsiori 29
10147 Tallinn
Estonia
http://www.sm.ee
Ms Kristel PLANGI
Tel: +37 2 626 97 80
kristel.plangi@ti.ee

**Il-Finlandja**
Ministry of Social Affairs and Health
Department for Occupational Safety and Health
PL 33
00023 Valtioneuvosto
Finland
http://www.riskithaltuun.fi
Mr Hannu STÅLHAMMAR
Tel: +358 9 160 73 108
hannu.stalhammar@stm.fi

**Franza**
Ministère de l'emploi et de la solidarité
Direction des relations du travail (DRT/CT)
39-43 quai André Citroën
75739 Paris Cedex 15
France
http://www.travail.gouv.fr
Mr Olivier MEUNIER
Tel: +33 (0)1 44 38 25 08 et 27 09
olivier.meunier@travail.gouv.fr

**Il-Ġermanja**
Bundesministerium für Arbeit und Soziales
Referat IIIb2 — Grundsatzfragen des
Arbeitsschutzes
Wilhelmstrasse 49
10117 Berlin
Germany
http://www.bmas.bund.de
Mr Reinhard GERBER
Tel: +49 30 18 527 67 66
reinhard.gerber@bmas.bund.de

**Il-Greċja**
Ministry of Labour and Social Affairs
General Directorate of Working Conditions
and Health
40, Pireos str.
10182 Athens
Greece
Mr Antonios CHRISTODOULOU
Tel: +30 210 3214 310
christodoulou.osh@yeka.gr

**L-Ungerija**
OMMF – Hungarian Labour Inspectorate
Margit krt. 85
1024 Budapest
Hungary
http://www.ommf.gov.hu
Ms Katalin BALOGH
Tel: +36 1 346 94 54
baloghk@ommf.gov.hu

**L-Irlanda**
Health and Safety Authority
Metropolitan Building
James Joyce Street
Dublin 1
Ireland
http://www.hsa.ie
Ms Annette SLATER
Tel: +353 1 7997800
annette_slater@hsa.ie

**L-Italja**
Istituto Nazionale per l'Assicurazione contro
gli Infortuni sul Lavoro
Dipartimento Processi Organizzativi
ex ISPESL
Via Alessandria 220/e
00198 Roma
Italy
Ms Francesca GROSSO
Tel: +39 06 97892314
francesca.grosso@ispesl.it; f.grosso@inail.it

**Il-Latvija**
State Labour Inspectorate of the Republic of Latvia
Kr. Valdemara, 38
1010 Riga
Latvia
http://www.vdi.gov.lv
Ms Linda MATISANE
Tel: +371 6 7021 735
linda.matisane@vdi.gov.lv

**Il-Litwanja**
State Labour Inspectorate of the
Republic of Lithuania
Algirdog. 19
03607 Vilnius
Lithuania
http://www.vdi.lt
Ms Nerita ŠOT
Tel: +370 52 60 34 72
nerita.sot@vdi.lt

**Il-Lussemburgu**
Inspection du Travail et des Mines
3, rue des Primeurs
2361 Strassen
Luxembourg
http://www.itm.lu
Mr Paul WEBER
Tel: +352 478 61 50
paul.weber@itm.etat.lu

**Malta**
Occupational Health and Safety Authority
Communications & PR
17 Edgar Ferro´ Street
PTA 1533 Pieta´
Malta
http://www.ohsa.org.mt
Mr Remigio BARTOLO
Tel: +356 21 24 76 77/8
remigio.j.bartolo@gov.mt

**Il-Pajjiżi l-Baxxi**
TNO Work & Employment
P.O Box 718
2130 AS Hoofddorp
Netherlands
http://www.tno.nl/arbeid
Mr Henk SCHRAMA
Tel: +31 (0) 88 86 65 234
henk.schrama@tno.nl

**Il-Polonja**
Central Institute for Labour Protection –
National Research Institute
ul. Czerniakowska 16
00-701 Warszawa
Poland
http://www.ciop.pl
Ms Wioleta KLIMASZEWKA
Tel: +48 22 623 36 77
focalpoint.pl@ciop.pl

**Il-Portugall**
Autoridade para as Condiçôes de Trabalho
Av. Casal Ribeiro, 18 — A
1000-092 Lisboa
Portugal
http://www.act.gov.pt
Ms Maria Manuela CALADO CORREIA
Tel: +351 213 308 700
manuela.calado@act.gov.pt

**Ir-Rumanija**
The National Research and Development Institute
on Occupational Safety
35 A, Ghencea Blvd., Sector 6,
061692 Bucharest
Romania
http://www.protectiamuncii.ro
Ms Ioana Georgiana NICOLESCU
Tel: +40 21 313 31 58
georgiana.nicolescu@gmail.com

**Is-Slovakkja**
Národný inšpektorát práce
Masarykova 10
040 01 Košice
Slovakia
http://www.nip.sk
Ms Laurencia JANČUROVÁ
Tel: +421 55 797 99 27
laurencia.jancurova@ip.gov.sk

**Is-Slovenja**
Ministry of Labour, Family and Social Affairs
Kotnikova, 28
1000 Ljubljana
Slovenia
http://www.gov.si
Ms Vladka KOMEL
Tel: +386 01/369 77 00
vladka.komel@gov.si

**Spanja**
Instituto Nacional de Seguridad e Higiene
en el Trabajo
c/Torrelaguna 73
28027 Madrid
Spain
Ms Belén PEREZ-AZNAR
Tel: +34 91 363 41 00
pfocalagenciaeuropea@insht.meyss.es

**L-Isvezja**
Arbetsmiljöverket
Management Staff
112 79 Stockholm
Sweden
http://www.av.se
Ms Barbro KÖHLER KRANTZ
Tel: +46 8 730 95 63
barbro.kohler.krantz@av.se

**Ir-Renju Unit**
Health and Safety Executive
Caxton House
Tothill Street
London
SW1H 9NA
http://www.hse.gov.uk
Mr Stuart BRISTOW
uk.focalpoint@hse.gsi.gov.uk

## Punti fokali tal-pajjiżi tal-EFTA

**L-Islanda**
Administration for Occupational Safety and Health
Bildshofdi 16
110 Rejkjavik
Iceland
http://www.vinnueftirlit.is
Ms Inghildur EINARSDÓTTIR
Tel: +354 550 46 00
inghildu@ver.is

**Il-Liechtenstein**
Amt für Volkswirtschaft
Health and Safety at Work
Gerberweg 5
9490 Vaduz
Liechtenstein
http://www.firstlink.li/regierung/amt_volksw.htm
Mr Robert HASSLER
Tel: +423 236 68 71
robert.hassler@avw.llv.li

**In-Norveġja**
Norwegian Labour Inspection Authority
Statens hus
7468 Trondheim
Norway
http://www.arbeidstilsynet.no
Ms Gro OLSVOLD
Tel: +47 73 19 97 00
gro.olsvold@arbeidstilsynet.no

**L-Isvizzera**
SECO — Staatssekretariat für Wirtschaft
Effingerstrasse 31
3003 Bern
Switzerland
http://www.seco.admin.ch
Dr Eduard BRUNNER
Tel: +41 (43) 433 22 21 30
eduard.brunner@seco.admin.ch

**Punti fokali tal-pajjiżi kandidati u pajjiżi potenzjalment kandidati**

**L-Albanija**
State Inspectorate of Labour
Inspektorati Shtetëror i Punës
Rr. Kavajes no 35
Tirana
Albania
Ms Frosina GJINO
Tel: +355 4 251348
fgjino@hotmail.com

**Il-Kroazja**
Ministry of Economy, Labour and Entrepreneurship
Directorate for Labour and Labour Market
Ulica grada Vukovara 78
10 000 Zagreb
Croatia
http://www.mingorp.hr
Mr Zdravko MURATTI
Tel: +385 (0)1 6109 230
zdravko.muratti@mingorp.hr

**Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja**
Macedonian Occupational Safety and Health Association
29 noemvri br. 50
1000 Skopje
Former Yugoslav Republic of Macedonia
Mr Ljupcho KOCHOVSKI
Tel: +389 2 2774 868
ljupco.k@mzzpr.org.mk

**Il-Montenegro**
Ministry of Labour and Social Welfare
Labour Inspection for Safety at Work
Rimski trg 46
20000 Podgorica
Montenegro
Mr Zlatko POPOVIC
Tel: +38220655513
zlatkopuznr@t-com.me

**Is-Serbja**
Ministry of Labour, Employment and Social Policy
Occupational Safety and Health Directorate
Nemanjina 22-26
11000 Belgrade
Serbia
Mr Nenad VLADIC
Tel: +381 11 306 17 38
nenad.vladic@minrzs.go.rs

**It-Turkija**
Ministry of Labour and Social Security
General Directorate of Occupational Health and Safety
Inönü Bulvari, I Blok, No. 42, Kat. 4
06100 Emek Ankara
Turkey
http://www.csgb.gov.tr
Mr Kasim ÖZER
Tel: +90 312 215 50 21
kozer@csgb.gov.tr



Gwida għall-Kampanja — Tmexxija Amministrattiva u Parteċipazzjoni tal-Ħaddiema fis-Saħħa u s-Sigurtà Fuq il-Post tax-Xogħol
Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2012 — 30 pp. — 16.2 × 25 cm

ISBN 978-92-9191-531-6
doi:10.2802/90312

Kunċett u disinn: Kris Kras Design, il-Pajjiżi l-Baxxi

Ir-ritratti ttieħdu fuq is-sit ta’ Baxter Healthcare, Ideal Standard, Pirelli Tyres u Toyota Material Handling ġewwa r-Renju Unit.
Nirringrazzjaw lill-imsieħba tagħna għall-appoġġ ġeneruż tagħhom.

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata, bil-kundizzjoni li jiġi rikonoxxut is-sors.

TE-31-11-176-MT-C

L-**Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol** (UE-OSHA) tgħin sabiex tagħmel lill-Ewropa post aħjar fejn wieħed jaħdem bla periklu, ikun f'saħħtu u jkun aktar produttiv. L-Aġenzija tirriċerka, tiżviluppa u tqassam informazzjoni affidabbli, ibbilanċjata u imparzjali dwar is-saħħa u s-sigurtà kif ukoll torganizza kampanji ta' sensibilizzazzjoni Pan-Ewropej. Stabbilita mill-Unjoni Ewropea fl-1996 u bbażata ġewwa Bilbao fi Spanja, l-Aġenzija tlaqqa' flimkien rappreżentanti mill-Kummissjoni Ewropea, gvernijiet ta' Stati Membri, organizzazzjonijiet ta' min iħaddem u tal-ħaddiema, kif ukoll esperti ewlenin minn kull wieħed mis-27 Stat Membru tal-UE u lil hinn.

**Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol**

Gran Vía 33, 48009 Bilbao, SPANJA
Tel. +34 944794360
Faks +34 944794383
E-mail: information@osha.europa.eu

Internet: **http://osha.europa.eu**

ISBN 978-92-9191-531-6

9 789291 915316

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet